

# ĦARSA ĦAFIFA

2025

Bank Ewropew tal-Investiment | Grupp

# ĦARSA ĦAFIFA
2025

Bank Ewropew tal-Investiment | Grupp

**Ħarsa ħafifa 2025**

**© Bank Ewropew tal-Investiment, 2025.**
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Il-Lussemburgu

Kull dritt riżervat.
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil publications@eib.org.

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org. Tista' tikkuntattjana wkoll fuq info@eib.org. Irċievi l-bullettin elettroniku tagħna fuq www.eib.org/sign-up.

© Krediti tar-ritratti: EIB, Energy Dome, Matr Foods, Rim Foam, Shutterstock, GettyImages

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.
Stampat fuq Karta FSC®.

pdf: QH-01-25-001-MT-N ISBN 978-92-861-5892-6 doi: 10.2867/9624911

# DWAR IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Bħala waħda mill-istituzzjonijiet multilaterali ewlenin fid-dinja, il-Bank Ewropew tal-Investiment imexxi l-progress fejn huwa l-aktar meħtieġ. Imwaqqaf fl-1958 u l-proprjetà tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, aħna nidderieġu r-riżorsi finanzjarji u l-kompetenza esperta lejn bidla sinifikanti – biex jittejbu s-servizzi pubbliċi, jiġu appoġġati n-negozji, jinħolqu impjiegi u jinbnew ekonomiji reżiljenti.

# IMPATT SOSTENIBBLI

Aħna l-bank tal-Ewropa għall-klima. Nemmnu f'futur aktar ekoloġiku u aktar sostenibbli. Mill-finanzjament ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, għall-appoġġ tan-negozji ta' kull daqs fit-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom, l-appoġġ tagħna jgħin it-trasformazzjoni. Permezz tal-Fond tal-Investiment Ewropew – parti mill-Grupp tal-BEI – nipprovdu kapital ta' riskju u nagħtu s-setgħa lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju biex ikunu innovattivi, jikbru u jiffjorixxu.

# ATTUR GLOBALI

B'aktar minn €1 triljun investiti fuq aktar minn sitt deċennji, aħna potenza fdata fis-swieq kapitali internazzjonali, fejn niġbru fondi permezz tal-bejgħ tal-bonds tagħna biex noffru finanzjament kompetittiv lill-klijenti mad-dinja kollha.

# L-IMPATT TAGĦNA FL-2024

**€350 biljun**
investiment appoġġat mill-Grupp tal-BEI

**€17.2 biljun**
bliet u reġjuni sostenibbli

**€50.7 biljun**
finanzjament ekoloġiku

**€63.4 biljun**
miġbura fis-swieq tal-bonds

**€16.2 biljun**
impriżi żgħar u ta' daqs medju

**€8.7 biljun**
infrastruttura soċjali

**€19.8 biljun**
innovazzjoni, teknoloġija diġitali u għarfien

**Aktar minn 368 000**
studenti li jibbenefikaw minn finanzjament

**13.7 miljun**
persuni b'ilma tajjeb għax-xorb aktar sikur

## Il-Grupp tal-BEI jiffinanzja €88.8 biljun, inklużi €8.4 biljun barra mill-UE.

**14.7 miljun**

unitajiet domestiċi bl-enerġija elettrika

**5.9 miljuni**

persuni b'sanità mtejba

**854 000**

abbonamenti 5G

**305 miljuni**

vjaġġi tal-passiġġieri addizzjonali bit-trasport pubbliku

**2 miljuni**

persuni protetti mill-għargħar

**20 964 MWh**

kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli

**107 370 km**

linji tal-elettriku installati jew aġġornati

**67.5 miljun**

persuni b'infrastruttura muniċipali u reġjonali aħjar

**14.9 miljun**

persuni li qed jirċievu servizzi tas-saħħa aħjar

# IL-PRIJORITAJIET TAGĦNA

Kull sena, niffinanzjaw mijiet ta' proġetti ġodda – mill-azzjoni dwar il-klima sad-diġitalizzazzjoni, is-sigurtà u d-difiża sal-akkomodazzjoni sostenibbli, jew l-agrikoltura u ilma nadif. L-appoġġ tagħna jgħin lil żoni inqas żviluppati tal-Ewropa, jaċċellera l-finanzjament ekoloġiku u jippromwovi l-investiment fis-swieq kapitali. Il-mira ta' din il-ħidma kollha hija futur aktar sikur, prosperu u sostenibbli għad-dinja.



**Il-pannelli solari ta' Warehouses de Pauw se jiġġeneraw sa 350 siegħa gigawatt ta' elettriku kull sena, biżżejjed għal 150 000 persuna.**

# 1

# IL-BANK GĦALL-KLIMA

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qiegħed fuq quddiem biex jgħin fit-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa. Immexxu l-investimenti li jimmitigaw it-tibdil fil-klima permezz tat-tnaqqis, il-prevenzjoni jew l-assorbiment tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. U niffinanzjaw proġetti li jgħinu lill-komunitajiet jadattaw għal klima li qiegħda tinbidel.

**€50.7 biljun**

f'finanzjament ekoloġiku f'2024

**€1 triljun**

fi proġetti klimatiċi u ambjentali f'dan id-deċennju

## TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA BI QLIGĦ

Warehouses de Pauw qed tibdel il-bjut f'power stations billi tinstalla pannelli solari fl-imħażen tagħha fir-Rumanija, fil-Belġju u fin-Netherlands. Dan l-adattament jindirizza l-ispejjeż tal-elettriku li qegħdin dejjem jogħlew u jiġġenera wkoll dħul addizzjonali billi jipprovdi l-elettriku lill-klijenti ta' de Pauw. Is-self tagħna ta' €250 miljun għal dan il-proġett juri kif l-appoġġ tagħna għal klijenti individwali jmexxi 'l quddiem it-tranżizzjoni ekoloġika aktar wiesgħa.



**Ir-riċerka fil-produzzjoni tal-azzar tgħin l-ambjent, iżda hija wkoll rotta effettiva biex Voestalpine tikkompeti globalment.**

# 2

# INNOVAZZJONI

**Teknoloġiji mill-aktar avvanzati huma essenzjali għall-produttività futura tal-Ewropa u l-ġlieda kontra t-tisħin globali. L-investimenti tagħna jissodaw is-saħħa tal-Ewropa fiċ-chips, ix-xjenzi tal-ħajja u l-innovazzjonijiet żero netti li jnaqqsu l-emissjonijiet. Ninvestu wkoll f'setturi oħrajn li huma vitali għat-tkabbir ekonomiku futur, bħall-intelliġenza artifiċjali, il-computing kwantistiku u l-manifattura avvanzata.**

**854 000**

**Abbonamenti tal-mowbajl 5G fl-2024**

## SOLUZZJONI EKOLOĠIKA GĦALL-AZZAR

Il-metodu tradizzjonali biex il-mineral tal-ħadid jitbiddel f'azzar juża ħafna riżorsi u jniġġes. Il-kumpanija tal-azzar Awstrijaka Voestalpine qed tuża self ta' €300 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tiżviluppa azzar aħjar li huwa aktar versatili u jdum aktar. Qed tibdel ukoll il-proċessi tal-produzzjoni biex tuża inqas enerġija, tikkonsma inqas materja prima u tnaqqas it-tniġġis.



Il-port Daniż ta' Esbjerg qed jinbidel biex jaqdi s-setturi tad-difiża u tal-enerġija ekoloġika.

3

# SIGURTÀ U DIFIŻA

**Nikkontribwixxu għall-paċi fl-Ewropa billi nappoġġaw il-kapaċitajiet tas-sigurtà u d-difiża tagħha. Niffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għal negozji u innovaturi Ewropej bi proġetti li jipproteġu ċ-ċittadini tagħna. Mir-rikonjizzjoni u s-sorveljanza, għal soluzzjonijiet tas-sigurtà ċibernetika, l-infrastruttura u l-mobbiltà militari, is-soluzzjonijiet ta' finanzjament tagħna huma mfassla biex isaħħu l-ideat li jżommu lill-Ewropa sikura, reżiljenti u innovattiva.**

**L-għan tagħna: ninvestu**

**€6**

**biljun**

**fis-sigurtà u d-difiża**

## IT-TRASFORMAZZJONI TA' PORT DANIŻ

Esbjerg, port ta' 156 sena fid-Danimarka, bħalissa għaddej minn trasformazzjoni biex jakkomoda bastimenti militari u jaqdi l-industrija tal-enerġija mir-riħ offshore. Il-port qed jinvesti f'terminal ġdid bl-għajnuna ta' self ta' €115 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment.



**Casamicciola Terme fuq il-gżira ta' Ischia ġarrbet ħsara sinifikanti minn uqigħ tal-art. Għenna biex nibnu mill-ġdid – u biex nagħmlu l-gżira aktar reżiljenti għal diżastri futuri.**

# 4

# IL-KOEŻJONI

**Ninvestu fil-koeżjoni – fi kliem ieħor, fi proġetti li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u jtejbu l-integrazzjoni ekonomika u soċjali fir-reġjuni kollha tal-Unjoni Ewropea. Dawn l-investimenti jnaqqsu d-disparitajiet reġjonali, jagħtu s-setgħa lil komunitajiet li jintesew u jgħinuhom jiffjorixxu.**

**€38**
**biljun**

**f'finanzjament ta' koeżjoni fl-2024**

## MIBNIJA MILL-ĠDID U REŻILJENTI

F'Novembru 2022, xita qawwija ħafna fuq il-gżira ta' Ischia fil-Golf ta' Napli, l-Italja, ikkawżat uqigħ tal-art li qatel 23 persuna u ġarr miegħu djar u karozzi. Il-gżira qed tirċievi pakkett finanzjarju li jiswa €1 biljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tibni mill-ġdid wara d-diżastru.



**Proġett biex jipprovdi aktar minn 700 kamra tal-istudenti u jespandi l-faċilitajiet akkademiċi fl-Università tat-Teknoloġija ta' Ċipru jenfasizza l-impenn tagħna għall-edukazzjoni u l-inklużjoni.**

5

# INFRASTRUTTURA SOĊJALI

**Akkomodazzjoni, edukazzjoni u servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja huma essenzjali għall-futur tal-Ewropa. Il-finanzjament tagħna jtejjeb il-bliet, jespandi l-akkomodazzjoni affordabbli u jagħti spinta lis-servizzi soċjali. Ngħinu nibnu jew nirrinovaw aktar minn 100 000 dar kull sena fl-Ewropa, u ntejbu l-klassijiet u infrastruttura oħra fl-iskejjel u l-universitajiet mal-kontinent kollu.**

**67.5 miljun**

**persuna b'infrastruttura muniċipali u reġjonali aħjar fl-2024**

## SWALI GĦAT-TAGĦLIM

Kull sena, mijiet ta' studenti fl-Università tat-Teknoloġija ta' Ċipru jfittxu bil-ħerqa akkomodazzjoni diċenti bi prezzijiet raġonevoli. Is-self tagħna ta' €125 miljun għen biex jinbnew għażliet ta' akkomodazzjoni affordabbli u jiġu mtejba klassijiet u faċilitajiet oħra tal-università.



**Is-sostituti tal-laħam bħal dawk magħmula minn Matr Foods tjiebu konsiderevolment matul l-aħħar deċennju. Dan il-proġett jagħmel parti mill-ħidma tagħna biex intejbu s-sostenibbiltà fil-katina tal-valur tal-ikel.**

# L-AGRIKOLTURA

**L-agrikoltura għandha rwol vitali fis-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. Niffinanzjaw proġetti fis-sajd, il-foresti, il-kwalità tal-ikel, l-iżvilupp rurali, u produzzjoni intelliġenti fil-livell klimatiku. Is-self u s-servizzi ta' konsulenza tagħna jipprovdu għajxien aħjar għall-bdiewa, jipproteġu l-ambjent u jnaqqsu l-impronta karbonika tal-agrikoltura.**

**€3 biljun**

**f'pakkett ta' investiment li jiffoka fuq bdiewa żgħażagħ u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri**

**€5 biljun**

**għall-agrikoltura u l-bijoekonomija kull sena**

## TOGĦMIET INNOVATTIVI

Matr Foods fid-Danimarka żviluppat sostitut għal-laħam li joffri l-istess togħma u tessut bħal-laħam, iżda mingħajr ma jagħmel ħsara lill-ambjent jew lis-saħħa tal-konsumaturi. Huwa magħmul b'ingredjenti lokali abbażi ta' pjanti li huma magħmula f'pulpetti permezz ta' proċess ta' fermentazzjoni tal-fungi. Qed nappoġġaw dan il-proġett b'self ta' €20 miljun.




**L-appoġġ tagħna għal Rip Foam u kumpaniji oħra fil-Mawritanja jagħti spinta lill-impjiegi, jgħin lin-nisa u jħeġġeġ l-intraprenditorija.**

7

# INVESTIMENT GLOBALI

Lil hinn mill-Unjoni Ewropea, nagħtu prijorità lill-appoġġ għall-Ukrajna u nippromwovu l-iżvilupp sostenibbli f'reġjuni bħall-Mediterran u l-Afrika sub-Saħarjana. Madwar id-dinja, nikkontribwixxu għall-azzjoni dwar il-klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Aħna wieħed mill-akbar selliefa lis-settur globali tal-ilma.

**Kura tas-saħħa mtejba u aktar vaċċini għal aktar minn**

**100 miljun persuna**

## UGWALJANZA TAL-ĠENERU GLOBALI

Meta Cheikh Mohamed Elkarachi ħa r-riedni tan-negozju tal-fowm ta' missieru fil-Mawritanja, huwa ried iqabbad in-nisa, iżda l-fabbrika lanqas biss kellha kmamar tal-banju tan-nisa. "Żidt kmamar tal-banju separati," huwa jgħid, "biex in-nisa jħossuhom aktar komdi jaħdmu hawn." Huwa malajr beda jingaġġa nisa għal pożizzjonijiet ewlenin. Aħna appoġġajna l-bidliet tiegħu permezz ta' bank lokali.



**Unjoni tas-swieq kapitali tista' tgħin lil kumpaniji jiksbu l-finanzjament li jeħtieġu biex jikbru u biex jinvestu fit-tranżizzjoni ekoloġika.**

# 8

# L-UNJONI
# TAS-SWIEQ KAPITALI

L-unjoni tas-swieq kapitali hija pjan li jippermetti li investimenti u tfaddil jiċċaqilqu mal-Unjoni Ewropea kollha. Dan ikun ta' benefiċċju għall-individwi, l-investituri u l-kumpaniji irrispettivament minn fejn joqogħdu. Suq wieħed għall-kapital ikun jista' joħloq kundizzjonijiet aħjar għal proġetti f'teknoloġiji ġodda, l-effiċjenza fl-enerġija u infrastruttura f'żoni tal-Unjoni Ewropea fejn l-aċċess għall-finanzjament bħalissa huwa diffiċli.

Qed noħolqu strumenti finanzjarji li jistgħu jkunu l-pedamenti ta' unjoni reali tas-swieq kapitali. It-tranżazzjonijiet tal-bonds diġitali tagħna, pereżempju, jippromwovu l-integrazzjoni diġitali fis-sistema finanzjarja Ewropea u jtejbu l-aċċess għal kumpaniji żgħar li jiddependu l-aktar fuq self tal-bank.

**Aktar minn**

**€110**

**biljun**

**f'bonds għal kuxjenza dwar il-klima u għal kuxjenza dwar is-sostenibbiltà**

**Skopri aktar dwar il-prijoritajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment hawn**

# ĦARSA ĦAFIFA
2025

Bank Ewropew tal-Investiment | Grupp

pdf: ISBN 978-92-861-5892-6

© Il-Bank Ewropew tal-Investiment, 01/2025

MT 2024-0348